MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2005

Numru 203/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**VS**

**JOSEPH SPITERI**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Agius ta' 40 sena, imwieled tal-Pieta' nhar it-2 ta' Lulju, 1964, bin Anthony u Rose nee' Agius, residenti fil-fond numru 111, Triq il-Karmnu, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' numru 360764 (M) ;

Akkuzat talli nhar it-2 ta' Jannar, 2005, ghall-habta ta' 23.30hrs, f'Misrah il-Bjar, Zejtun, saq vettura tal-marka *Pajero* bin-numru tar-registrazzjoni AAI 518 b'manjiera perikoluza, bi traskuragni u bla kont fid-direzzjoni ta' martu

Rita Spiteri bi hsieb li jaghmillha feriti ta' natura gravi u wera b'atti esterni dan il-hsieb billi ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt meta saq fid-direzzjoni taghha, u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(c)(2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 41(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat li mart l-imputat, Rita Spiteri, ghazlet li ma tixhedx fil-konfront ta' zewgha, u li llum il-partijiet jinsabu rikonciljati;

Rat l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 u 41 (b) tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah mill-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------